# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 15**

**Citazzjoni Nru: 106/10 JD**

**Anthony Pace**

**v.**

**Frances sive Franca Camilleri u zewgha John Camilleri**

<u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenuti minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali tat-18 ta' Jannar 2013, li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li ma rravizatx atti ta' mohqrija min-naha tal-attur fil-konfront ta' ommu li kienu jaghtu lok ghal dizeredazzjoni, qatghet u ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li cahdet l-

eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talba attrici u ghalhekk iddikjarat li omm l-attur, Emmanuela Pace ma kellha ebda jedd taqtghu mill-wirt, u d-disposizzjoni ta' dizeredizzjoni fit-testment taghha tat-18 ta' Ottubru 2004, fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani, ma tiswiex u m'ghandha ebda effett legali.

Is-Sentenza Appellata

2. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet, li fihom ukoll esposizzjoni tal-fatti saljenti li wasslu ghall-odjerni proceduri:

> "Illi din hija kawza dwar dizeredazzjoni.
>
> "Il-kontendenti f'din il-kawza Anthony Pace u Franca Camilleri huma ahwa wlied Emmanuela Pace.
>
> "Emmanuela Pace mietet fil-11 ta' Settembru 2010 fl-eta' ta' 94 sena. Hija rregolat is-successjoni taghha permezz ta' testment datat 18 ta' Ottubru 2004 in atti Nutar Dottor Paul George Pisani. Permezz ta' dan it-testment Emmanuela Pace innominat lil bintha Franca Camilleri u zewgha John Camilleri bhala eredi universali taghha bis-sostituzzjoni tar-rispettivi wliedhom f'kaz ta' premorienza ghat-testatrici. Permezz tat-Tielet Artikolu tat-tesment imsemmi Emmanuela Pace iddizeredat lill-attur binha ai termini ta' l-artikolu 623(d) tal-Kodici Civili minhabba li kien 'sar hati ta' diversi atti ta' mohqrija lejha'.
>
> "Emmanuela Pace kienet tghix ma' binha gewwa Marsalforn sas-sena 2002. Imbaghad marret tghix ma' bintha Franca u l-familja taghha u baqghet tghix maghhom sakemm mietet.
>
> "Huwa importanti wkoll li f'dan l-istadju jigi rilevat li Anthony Pace huwa persuna li bla ebda dubju huwa bniedem dghajjef. Dan kif eccepit mill-istess konvenuti u kif irrizulta mix-xhieda ta' Margaret Gallo u hekk kif kostatat minn din l-istess Qorti peress li kellha l-okkazzjoni tisimghu jixhed diversi drabi in kontro-ezami. L-istess Franca Camilleri in

kontro-ezami xehdet li huha ghandu bzonn min idur bih.

“Irrizulta wkoll li ftit xhur qabel ma mietet Emmanuela Pace kienet ittrasferiet il-proprjeta’ immobiljari taghha lill-konvenuti u liz-zewg uliedhom b’kuntratt ta’ donazzjoni u ta’ *datio in solutum.*

“Illi l-artikoli relevanti huma l-artikolu 623 tal-Kap 16 u l-artikolu 625. L-artikolu 623 jistipula li :

“*Bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 630, ir-ragunijiet li ghalihom dixxendent jista’ jigi dizeredat huma dawn biss li gejjin:*

“*(a) jekk id-dixxendent ikun cahad minghajr raguni l-manteniment lit-testatur;*

“*(b) jekk, fil-kaz li t-testatur jiggennen, id-dixxendent jabbandunah minghajr ma jiehu b’ebda mod hsieb tieghu;*

“*(c) jekk, fil-kaz li d-dixxendent seta’ jehles lit-testatur mill-habs, hu naqas minghajr raguni tajba li jaghmel dan;*

“*(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort’ohra sar hati ta’ mohqrija lejh;*

“*(e) jekk id-dixxendent kien hati lejn it-testatur ta’ offiza gravi;*

“*(f) jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruhha minghajr konnivenza tat-testatur;*

“*(g) f’kull kaz li fih it-testatur, minhabba z-zwieg tad-dixxendent, ikun gie, taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat hieles mill-obbligu li jaghti l-manteniment lil dak id-dixxendent.*

“L-artikolu 625(1) jiddisponi li *r-raguni tad-dizeredazzjoni ghandha tigi ppruvata minn dak li jsostni d-dizeredazzjoni*.

“Illi hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et[1]:**

> “*‘Fil-Kodici taghna giet segwita r-regola tad-Dritt Giustinianeo, illi l-kawza tad-dizeredazzjoni ghandha tkun provata minghand min isostni d-dizeredazzjoni[2].’*

“Fl-istess decizjoni inghad li:

> “*‘Illi jista’ jinghad illi l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva kontra*

[1] Vol XXIX.II.Pg 880 deciza fis-7 ta’ Jannar 1936
[2] **Filippa Debono et vs Alfred Falzon et,** Cit Nru: 2020/2000GCD deciza fit-30 ta’ Ottubru 2003

*min irid iwaqqa' d-dizeredazzjoni ghaliex ghandha tigi rispettata l-volonta' tat-testatur. Il-verita` hija illi l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva favur, u mhux kontra min qieghed jimpunja d-dizeredazzjoni, ghaliex id-dizeredazzjoni, kif ighid il-Merlin hija haga odjuza. Il-ligi, anki kontra l-volonta' tat-testatur, irrizervat il-certi persuni sehem mill-wirt ta' l-istess testatur; biex kwindi t-testatur jista' b'disposizzjoni testamentarja jidderoga ghal-ligi, u jhassar l-effikacja tar-rizervi li l-ligi ghamlet anki f'kaz ta' preterizjoni mill-parti tat-testatur, hemm bzonn illi tkun tezisti kawza minn dawk enumerati mil-ligi u hemm bzonn li tigi sodisfacentement provata mill-eredi. Il-ligi tippermetti d-deroga ghad-disposizzjonijiet taghha dwar il-legittima f'kazi determinati; hemm bzonn kwindi li dawk il-kazi jigu ppruvati'.*

"Illi mbaghad l-artikolu 629 tal-Kodici Civili

"*'Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raguni li ghaliha wiehed ikun gie dizeredat, jew ma tigix ippruvata, id-dizeredat ghandu jedd ghas-sehem rizervat biss'.*

"Illi mis-suespost jemergi li l-artikolu 623 jipprovdi b'mod tassattiv liema huma r-ragunijiet li ghalihom persuna tista' tigi dizeredata. Tali raguni trid tkun issemmiet specifikatament fit-testment. Il-prova tad-dizeredazzjoni tinkombi fuq min isostniha. Peress li d-dizeredazzjoni hija haga odjuza l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva favur min qieghed jimpunja d-dizeredazzjoni u mhux bil-kontra.

"Fil-kaz in kwistjoni t-testatrici Emmanuela Pace ddikjarat bhala raguni ghad-dizeredazzjoni ta' binha li huwa kien sar hati ta' atti ta' mohqrija lejha. Il-ligi taghna ma taghtix definizzjoni ta' x'tikkostitwixxi mohqrija. Din il-Qorti tifhem li l-agir u l-azzjonijiet ta' persuna mixlija b'mohqrija ghandhom ikunu ntenzjonati u gravi b'mod tali li ma jistax jitqies li huma accettabbli fil-konfront ta' persuna.

"Illi biex issostni d-dizeredazzjoni l-konvenuti sostnew li:

- "L-attur kien originarjament igib ruhu sewwa ma' ommu u r-relazzjoni tieghu maghhom kienet ukoll wahda tajba. Tant li l-konvenuta kienet tiehu kemm hsieb ommha kif ukoll hsiebu. Ighidu li kienet tinzel Marsalforn tnadfilhom u taghtihom l-ikel.

- "Dan kollu nbidel meta Anthony Pace beda jaghmilha ma' terza persuna li huma ma kellhomx pjacir bih u skont huma anki Emmanuela Pace ma riditx li jaghmilha mieghu.

- "Il-konvenuti xehdu li din it-terza persuna beghditu mill-familja tieghu u dan bl-iskop li jehodlu l-gid tieghu. Sussegwentement huwa mar ighix ma' dan it-terz.

- "Sostnew li Anthony Pace ma riedx jikkopera meta ommu mardet.

- “Meta kien imur jara lil ommu kien jghajjarha u jinsulentaha u dan peress li hija kienet twissih biex ma jaghmilhiex ma’ din it-terza persuna u kienet tghidlu biex imur jaraha aktar spiss. Il-konvenuta tixhed[3] li huwa kien joffendi lil ommu bi kliem baxx u li jwegga’. Sahansitra jsemmu episodju fejn kwazi hebb ghalija u kien fuq intervent tal-konvenut li ma wasalx biex jaghmel hekk u minflok telaq il-barra.

- “Ighidu wkoll li l-attur l-ahhar snin ma baqax imur jara lil ommu, lanqas meta kienet l-isptar, u hija kienet imwegga hafna li ma kienx imur jaraha u li dejjem tistaqsi u tibki ghalih.

- “Sahansitra jsemmu li gieli rawh barra u la kien isellem u wisq anqas ikellem lil ommu.

- “Kien proprju ghalhekk li hija talbet lil bintha biex tehodha ghand in-Nutar sabiex taghmel it-testment ghaliex ma riditx li hwejjigha jmorru ghand in-nies

- “John Camilleri xehed fl-affidavit tieghu[4] li Emmanuela Pace haditha bi kbira meta martu rceviet l-ittra tat-3 ta’ Mejju 2007 u saret allegazzjoni li hija ma kinitx mentalment f’postha.

“Illi min-naha tieghu l-attur jaghti stampa differenti:

- “Franca Camilleri kellha l-prokura ta’ ommha Emmanuela Pace u ta’ huha.

- “Fil-fehma tieghu ommu waslet biex tiddezeredah ghax kienet mghawwija minn bintha Franca u dan wara li huwa permezz ta’ ittra ufficjali tal-31 ta’ Awwissu 2004 kien irrevoka l-prokura lill-istess ohtu u talabha rendikont tal-flus li nkassatlu bil-prokura. Huwa jallega li meta mar jaghmel il-verifiki tieghu mal-Banek sab li ohtu ma kienet iddepozitatlu xejn fil-Bank mir-rikavat tal-bejgh ta’ diversi proprjetajiet li kellhom bejniethom f’Marsalforn. Oltre’ dan sab li hija kienet qed tigborlu l-flus tal-paga kollha tax-xoghol li kellu mal-Gvern. Dwar il-kwistjoni tar-rendikont hemm proceduri ohra pendenti.

- “Jaqbel li ohtu wara li rrevokalha l-prokura baqghet tehodlu l-ikel izda huwa ma kienx qed jieklu u b’hekk wara xi zmien ma baqghetx tehodlu.

- “Infatti Anthony Pace meta xehed spjega li qabel ma kien irrevoka l-prokura lil ohtu kollox kien sew bejniethom fis-sens li

[3] Fl-affidavit taghha a fol 61 et seq tal-process
[4] A fol 81 et seq tal-process

kien imur jara lil ommu. Huwa jghid li ohtu dejjem kienet tghajjat m'ommu, mieghu u sahansitra maz-ziju taghhom Karlo[5].

- "L-attur jichad li kien jghajjar u jinsulenta lil ommu. Lanqas mhu minnu li huwa gieli kecca lil ommu.

- "Ighid ukoll li ommu marret tghix ma' ohtu ghaliex ma kinitx baqghet tiflah aktar u huwa ma setax jiehu hsiebha.

- "B'danakollu jghid li huwa minnu li ghall-ahhar snin ma baqax imur jara lil ommu. Huwa jispjega li wara li rrevoka l-prokura lil ohtu meta gieli mar jara lil ommu (li kienet qed tghix ghand ohtu) ghamel ftit zmien baqa' jitla' jara lil ommu izda beda jaqta' ftit ftit. Dan peress li Franca Camilleri kienet tilqghu fil-bieb tal-garaxx u ma kinitx thallih jaghmel pass iehor 'il gewwa[6]. In kontro-ezami[7] xehed li meta kien imur ohtu kienet tilqghu billi toqghod tistaqsih hux se jiktiblu lit-Tlittu. Ommu kienet ukoll tghidlu dan il-kliem pero' dan id-diskors bdiet tghidulu kemm damet m'ohtu.

- "B'danakollu xehed li meta ommu kienet l-isptar huwa mar jaraha.

"Illi kif diga' gie sottolineat jinkombi fuq il-konvenuti li jippruvaw li d-dizeredazzjoni kienet wahda misthoqqa. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenuti ma rnexxilhomx jiskarikaw tali prova.

"Fl-ewwel lok irrizulta mix-xhieda u anki minn dak konstatat minn din il-Qorti li l-attur huwa persuna dghajfa. Margaret Gallo[8] in kontro-ezami xehdet li Anthony Pace huwa bniedem dghajjef u twajjeb fl-istess hin. Ghalkemm wiehed jista' jargumenta x'inhi intelligenza pero' huwa evidenti anki minn kif jesprimi ruhu u jgib ruhu li l-attur huwa persuna li m'ghandux intelligenza gholja. Madankollu ghandu ntellett bizzejjed biex jifhem certu affarijiet kif ukoll biex jirrispondi ghad-domandi li sarulu. Minkejja certu inkonsistenzi zghar huwa kien kredibbli u konsistenti f'dak li xehed. Ohtu stess tghid li l-attur ghandu bzonn lil xi hadd jiehu hsiebu w allura meta tressqu xhieda fis-sens li huwa kien kecca lil ommu jew li rrifjuta li jghin din tikkontrasta mad-dikjarazzjoni li huwa persuna li jrid min jiehu hsiebu. Huwa evidenti li Emmanuela Pace kellha tingabar ma' bintha wara li bdiet tbati mill-kundizzjoni ta' *coffee ground* u sussegwentement meta sofriet *stroke* peress li l-attur ma setax jiehu hsiebha kif suppost. Hemm differenza bejn ma setax ghal li ma riedx jiehu hsiebha.

"M'hemmx dubju li Emmanuela Pace kienet thobb hafna lil binha Anthony Pace li ghex maghha ghal tul ta' snin u kienet tinkwieta hafna

[5] Kontro-ezami ta' l-attur a fol 296 tal-process
[6] Affidavit ta' Anthony Pace a fol 113 et seq tal-process
[7] Seduta tal-25 ta' Novembru 2011 a fol 336 tal-process
[8] Xhud prodott mill-konvenuti

ghalih proprju ghaliex kienet taf li huwa bniedem vulnerabbli. Il-Qorti lanqas ma teskludi li l-omm setghet kienet tghaddi kummenti lill-attur dwar min kien qieghed jaghmilha ossija mat-Tlittu. Lanqas teskludi li l-istess attur kien jiddejjaq minn tali kummenti u li huwa kien jirrabbja maghha jew jiggieled maghha. Infatti Margaret Gallo xehdet li gieli nzertat lil ommu twissih u huwa kien jiddejjaq, jirrabja u jkellimha bil-herra u jghidilha biex thallih u jitlaq ‘il barra. Meta mistoqsija mill-Qorti b’liema mod u manjiera kien jirrabbja hija rrispondiet *‘nghid li hu kien jirrabja fis-sens li kien juri li ma kienx qed jiehu pjacir b’dak li kienet qed tghidlu ommu. Pero’ l-omm kienet thoss ghax meta bniedem jirrabja ma’ ommu ovvjament l-omm ma tiehux pjacir. Qed nghid nirrabja jigifieri hemm xi haga spontanja ta’ dak il-hin. Tirrabja ghax ma tkunx qed tiehu pjacir meta bniedem qed ighidlek xi haga u hu kien jaqbad u jitlaq ‘il barra’.*

“Irrizulta wkoll li l-attur ma baqax imur jara lil ommu. Il-konvenuti jsostnu li dan kien ghax beda jaghmilha mat-terza persuna mentri l-attur isostni li wara li rrevoka l-prokura lil ohtu hija bdiet tghajjat mieghu, tilqghu fil-bieb tal-garaxx u ma thallihx jidhol u ghalhekk kienet ohtu li beghditu minn ommu.

“Din il-Qorti temmen li hekk kif l-attur irrevoka l-prokura lil ohtu din ma hadet xejn pjacir b’dan u ghalhekk kien hemm ostilita` lejn huha. Il-Qorti temmen lill-attur meta jghid li kienet toqghod tistaqsih jekk kienx se jhalli xi proprjeta’ lit-Tlittu fit-testment. Saru allegazzjonijiet fuq din it-terza persuna li baqghu biss allegazzjonijiet ghax fl-atti m’hemm l-ebda provi li din it-terza persuna verament kienet qed tbieghed lill-attur minn ommu.

“Irrizulta mill-atti li l-omm kienet iddispjacuta li ma kinitx tara lil binha madankollu x-xhud Margaret Gallo xehdet in kontro-ezami li Emmanuela Pace qatt ma kellha rabja ghal Anthony Pace. Hawnhekk ma jistax ma jigix rilevat li t-testment sar fit-18 ta’ Ottubru 2004 u ghalhekk ir-raguni ghad-dizeredazzjoni primarjament ghandha tirrisali ghaz-zmien qabel din id-data. Ghalkemm certament l-omm setghet biddlet it-testment sussegwentement izda kif irrizulta mill-atti hija kienet saret tiddependi minn bintha anki biex tohrog w allura seta’ kien hemm din id-diffikulta. Din il-Qorti pero’ se tikkunsidra wkoll dawk il-provi kollha li ngibu. Tajjeb ikun ukoll puntwalizzat li l-attur irrevoka l-prokura biss ftit xhur qabel ma gie redatt dan it-tesment.

“L-istess konvenut John Camilleri in kontro-ezami xehed li l-attur kien imur jara lil ommu u dan meta ma kienx hemm inkwiet ma’ohtu. John Camilleri qal ukoll li Emmanuela Pace dejjem baqghet thobb lill-attur. Oltre’ dan il-Qorti zzid li l-omm kienet taf binha kif kien u temmen li anki jekk xi drabi rrabja u ggieled maghha huwa ma kienx jirrealizza kompletament dak li kien qieghed jaghmel. Zgur li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jweggaghha. Huwa sab ruhu f’sitwazzjoni fejn kellu l-inkwiet ma’ ohtu, ommu kienet qeghdha tghix ma’ ohtu, f’certu zmien saret

ukoll *bed-ridden* u allura huma c-cirkostanzi li beghduh minn ommu partikolarment temmen li l-konvenuti kkontribwew sewwa biex dan isehh. Certament li mhux il-forum adatt biex din il-Qorti tinvestiga dwar l-allegazzjonijiet li saru mill-attur fuq ohtu li abbuzat mill-prokura, liema allegazzjonijiet l-istess konvenuta tichad u tghid li bl-istess flus sar zvilupp u dan peress li hemm proceduri ohra pendenti. Izda fl-isfond ta' din id-divergenza serja bejn l-ahwa li tirrisali mis-sena 2004 il-Qorti temmen lill-attur meta xehed li ohtu kienet tilqghu fil-bieb tal-garaxx u ma thallihx jidhol. L-omm li kienet tkun fuq gewwa ma setghetx tkun taf x'inhu jigri. Irrizulta li l-attur ma baqax imur jara lil ommu wara li rrevoka l-prokura lil ohtu.

"Il-konvenuti jsemmu wkoll l-ittra tat-3 ta' Mejju 2007 (liema ittra mhiex ezebita) mibghuta lill-konvenuta Franca Camilleri fejn gie allegat li l-omm ma kinitx mentalment f'postha. Dakinhar it-testment kien diga' sar. Il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom isemmu li fl-ittra tal-14 ta' Ottubru 2010 l-omm giet deskritta bhala non compos. Dakinhar l-omm kienet diga' mietet.

"Fil-fehma taghha din il-Qorti ma rravizatx atti ta' mohqrija min-naha ta' l-attur fil-konfront ta' ommu li kienu jaghtu lok ghal dizeredazzjoni."

L-Appell

3. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tas-6 ta' Frar 2013 li permezz tieghu ilmentaw, in succint, illi l-kostatazzjoni tal-ewwel Qorti hi bbazata fuq premessi li ma jinkludux ghal kollox il-provi migbura fil-process.

4. Talbu ghalhekk lil din il-Qorti sabiex thassar is-sentenza appellata, tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom u konsegwentement tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-attur appellat.

5. Min-naha tieghu, l-attur, ghar-ragunijiet imressqa fir-risposta

tieghu, jikkontendi illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

L-Aggravju

6. Il-konvenuti jissottomettu, illi c-certezza morali xorta tista' taghti lok ghal zbalji kbar minhabba l-imperfezzjoni tad-dixxerniment uman, ghalhekk huwa opportun illi l-Qorti ta' revizjoni tgharbel l-iter tar-ragunament li jkun wassal lill-gudikant tal-prim istanza ghall-konkluzjoni dwar il-verita` ta' verzjoni partikolari pjuttost milli ohra. Jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti emmnet il-verzjoni tal-attur li ma hijiex korroborata minn xhieda ohra u skartat dik tal-konvenuti illi hija korroborata minn xhieda indipendenti li ma ghandhom ebda interess fl-ezitu tal-kawza.

7. Ikomplu jispegaw hekk l-aggravju taghhom:

> "Mill-affidavit tal-konvenuta jirrizulta illi l-attur ghal snin shah naqas li jzur lil ommu, kien jghajjat maghha u joffendiha. Carmen Portelli u Rose Buttigieg - xhieda indipendenti - affermaw (seduta 01.02.2011) li l-attur kien jistqarr li ghalih ommu spiccat u ma riedx jaf biha. Il-konvenut John Camilleri, fl-affidavit tieghu, jirreferi ghal incident fejn l-attur kien sejjer jerfa' jdejh fuq ommu. Christine Borg (seduta 01.02.2011) tistqarr li l-omm kienet imbikkma billi binha ma kienx imur jaraha. Margaret Gallo (seduta 13.07.2011 u l-affidavit taghha) tghid li l-omm kienet inkwetatha hafna li binha kien jiffrekwenta familja barranija u jippreferiha fuqha tant li ghandha ma kienx imur. Ix-xhud tghid li din kienet l-ikbar weggha tal-omm. Eucharist Camilleri xehed li l-attur kien kecca lil ommu '1 barra (seduta 18.02.2011). Tarcisio Said (seduta 18.02.2011) qal li kien jissahhan jew jizbel ghaliha. Margaret Gallo tghid (affidavit) li kien ikellimha bil-herra meta l-omm kienet twissieh biex jaqta' l-hbiberija minn mal-familja ta' Tlittu. Philip Azzopardi (affidavit) stqarr kif sahanistra kien iwegibha "x'nigi naghmel narak" meta kienet iccanfru talli ma kienx imur

jaraha. Meta l-omm kienet tmur izzuru hi Marsalfom fejn kien joqghod, flimkien ma' ohtu, kien ikeccihom: "morru imnejn gejtu" (affidavit Franca Camilleri).

"L-attur jichad dan kollu, izda ma jgib l-ebda prova korroborattiva tal-izmentiti tieghu. Ghalhekk bir-rispett kollu, ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha temmen lilu u mhux lix-xhieda l-ohrajn kollha. Huma c- cahdiet tal-attur stess li huma kontradetti. Jallega li wara li hassar il-prokura t'ohtu, hija bdiet tilqghu fil-bieb u ma thalliehx jara lil ommu. Dan pero' huwa smentit b'diversi modi: mix-xhieda ta' Margaret Gallo li kienet tara lill-attur izur lil ommu fid-dar tal-konvenuti: *"U jiena meta kont inkun hemm qatt ma nzertajt li gie Toni biex jara lil ommu u Franca ma dahhlitux ... Nerga' nirrepeti li kull darba li kont inkun hemm jiena u Toni gie biex jara lil ommu Franca kienet tiftahlu"*(seduta 13.07.2011); mill-fatt li ohtu kienet sahansitra tiehu lil omm l-attur biex izzuru Marsalfom anke jekk dan kien ikeccihom; u mill-fatt li ohtu kienet tinfurmah meta ommu kienet tkun rikoverata l-isptar u qatt ma ostakolatu milli jmur izurha anke hemm. Dan apparti li l-attur huwa zbaljat meta jghid li ommu kienet l-isptar sentejn qabel mietet ghax f dak il-perjodu mhux veru kienet l-isptar.

"Barra x-xhieda msemmija, prodotta mill-konvenuti, hemm l-insulti kbar u goffi kontenuti niente di meno f ittri li baghat l-avukat stess tal-attur. Hekk fl-ittra tal- 14.10.2010 iddeskriva lil ommu bhala "non corpos [recte: compos] mentis". ….. Minkejja dan iz-zebliegh kollu, ikkontro-ezaminat, l-attur qal li ma kienx jaf li ommu qatt kienet iggennet jew intilfet minn sensiha. L-Ewwel Onorabbli Qorti irriferiet ghal din u ghal ittra ohra li ma gietx esibita u stqarret li dawn l-ittri inkitbu wahda wara li sar it-testment impjunjat u l-ohra wara l-mewt tal-omm; u ghalhekk skartathom ghal kollox. Bir-rispett kollu, dawn l-ittri xorta wahda jservu biex juru l-animu ostili u l-istmerrija li l-attur kellu lejn ommu. Il-Qorti ghamlet zball goff ta' gudizzju meta naqset li tiehu dawn l-ittri bhala indizji cari u oggettivi tal-animu tal-attur li setghu wassluh - u fil-fatt wassluh - biex jahqar lil ommu. Il-karattru ta' bniedem manswet li l-attur pinga lilu nnifsu bhala tali u li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li temmen huwa wkoll smentit mill-ittri mibghuta mill-avukat tieghu mimlija b'hafna aggettivi ingurjuzi esibiti a fol 69 et seq. minnu mibghuta lil ohtu. Jekk kien kapaci jibghat ittri konsimili lil ohtu, ma hemm l-ebda raguni l-ghala ma setax kellu l-istess atteggj ament fil-konfront ta' ommu."

8. Jiccitaw gurisprudenza nostrana kif ukoll awturi barranin fis-sens illi l-gudikant ghandu jizen ix-xhieda moghtija quddiemu b'referenza ghall-bqija tal-provi migjuba. Ghalkemm il-gudikant in prim'istanza jinsab f'posizzjoni ahjar sabiex jevalwa l-kredibilita` tax-xhieda, il-Qorti

tal-Appell ma ghandhiex tabdika mid-dmir taghha ta' revizjoni.

9. L-attur jilqa' ghal dan l-aggravju billi, fl-ewwel lok jissenjala li in kwantu l-aggravju huwa dirett lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, fuq skorta ta' guriprudenza nostrana jsostni illi dan l-apprezzament tal-Qorti tal-Ewwel Grad ma jigix normalment disturbat, sakemm ma tkunx ser tigi kkreata ingustizzja.

10. Fil-mertu jsostni inter alia, illi d-dikjarazzjoni fit-testment saret biss biex l-attur jigi mcahhad ukoll minn dan il-jedd fuq il-beni tal-mejta rizervata lilu mil-ligi sabiex jigi assigurat li hu ma jiehu xejn u tiehu kollox ohtu u zewgha. Jispjega li mill-atti jirrizultaw provi skjaccanti li jsostnu t-tezi tieghu.

11. Jissenjala li mill-atti jirrizulta li t-testment *de quo* kien l-uniku testment li ommu kienet ghamlet u li dan kien sar meta hi kellha 89 sena u meta kienet qeghda tghix mal-konvenuti u, minhabba l-istat ta' sahha taghha, kienet tiddependi hafna fuqhom. Permezz ta' dan it-testment ommu halliet eredi universali ta' gidha lill-konvenuti, filwaqt li ddizereditat lill-attur bid-dikjarazzjoni li dan kienet qed taghmlu peress li l-attur kien hati fil-konfront taghha ta' diversi atti ta' mohqrija.

12. Dwar din id-dikjarazzjoni fit-testment l-attur jissenjala li huwa ferm

stramb kif in-nutar li rrediga t-testment ma ftakar xejn dwar dak dikjarat mit-testatrici dwar atti ta' mohqrija. Jissottometti li:

> "Dispozizzjoni f'testment ta' din ix-xorta li potenzjalment tistieden l-inkwiet billi tohloq preferenzi estremi bejn l-ulied mhix wahda komuni, u tali dispozizzjoni kellha bla dubbju titfa' piz u responsabbilita` akbar fuq in-nutar li ppubblika l-att u fuq l-avukat li ha r-responsabbilita professjonali li jassisti lit-testatrici fuq l-att li jassiguraw ruhhom x'kienu verament u f'hiex kienu jikkonsistu dawn 'l hekk imsejha 'diversi attijiet ta' mohqrija' li waslu lit-testatrici biex tidderoga minn dak is- sehem mill-gid tat-testatur li l-ligi stess tirrizerva favur l-ulied, u tiddezerida lil binha. Il-ligi stess taghmilha cara fl-artikolu 625(1) tal-Kap.16 li 'r-raguni tad-dizeredazzjoni ghandha tigi ppruvata minn dak li jsostni d-dizeredazzjoni."

13. L-attur jissenjala wkoll li mill-atti jirrizulta li l-inkwiet kollu bejnu u bejn ohtu Franca Camilleri inqala' minhabba li hu kien irrevokalha l-prokura li kien taha u talabha sabiex taghtih rendikont tal-flus kollha li hija kienet haditlu u talabhomlha lura. Di fatti fix-xhieda tieghu fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2011 huwa jghid:

> "... illi sakemm nehhejtilha il-prokura kollox kien miexi sew u hadd qatt ma fixkilni. Meta kont nehhejtilha l-prokura jiena kont immur nara lil ommi u Ganni kien jghidli li lil ommi mejta kien ser jurihieli. Franca kienet tghidli illi lin-nies ma ghandix x'irridhom...Franca ma kinitx thallini nidhol nara lil ommi...Ohti kienet tghajjat mieghi u kienet tilqaghni fil-garaxx u ma kinitx thallini nidhol u allura jiena mbaghad kont nitlaq. Nghid illi din il-bicca grat hafna drabi…' Kienu l-konvenuti li qatghulu l-kuntatt u kienu jcahduh milli jidhol jara lil ommu fid-dar taghhom. Fil-fatt id-drabi meta ommu kienet tiddahhal l-isptar qatt ma naqas li jmur jaraha. Fl-istess xhieda l-attur kien rega' sostna li ' kienet Franca li ma kenitx thallini nidhol nara lil ommi."

14. L-attur jissottometti li, mix-xhieda tal-konvenuta stess, tohrog ir-raguni vera li wasslet lit-testatrici sabiex tiddizereditah. Ir-raguni ma kienux l-allegati atti ta' mohqrija imma kienet il-biza' li l-konvenuta

webblet f'mohh ommha li gidha kien ser jispicca jehduh in-nies jekk thalli xi parti mill-wirt lill-attur u li d-dizeredazzjoni minhabba mohqrija ma kien xejn aktar hlief paraventu biex l-attur jigi maqtugh minn kull sehem tal-gid li kellha ommu, sahansitra anke mis-sehem rizervat. Di fatti fix-xhieda in kontro ezami moghtija mill-konvenuta fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2011 din tghid:

> "Jiena nikkonferma li l-mama' kienet tghidli: 'hudni hdejn Nutar halli jien naghmel testment ghaliex jiena ma rridx li hwejgi jkunu ghand in-nies iktar u iktar li intom qed idduru tant bija…... Nerga' ntenni illi l-mama' ma riditx tara hwejjigha ghand in-nies'.

15. L-attur ikompli jissottometti li sabiex tikkonfigura il-mohqrija u l-krudelta' fit-termini tal-artikolu precitat, din trid tkun abitwali u tikkonsisti fi swat sadistiku, fi kliem iehor il-mohqrija trid tkun gravi. Jghid li kien imiss lill-konvenuti jippruvaw li hu kien jisthoqqlu jigi dizereditat, izda l-allegazzjonijiet taghhom jinsabu kontradetti mill-provi u mic-cahda kategorika tal-attur stess li nghata affidament mill-ewwel Qorti.

<u>Kunsiderazzjonijiet</u>

16. In vena legali din il-Qorti tirribadixxi:

> "……… li trattandosi ta' aggravju dwar evalwazzjoni ta' xhieda mismugha *viva voce* mill-ewwel Qorti hija prassi ormai stabbilita sew li hija ma tiddisturba qatt leggerment l-istess evalwazzjoni jekk mhux ghal xi raguni serja talment li tkun tiddetta xort' ohra. Dan ghaliex dik il-Qorti tkun qeghda fl-ahjar qaghda li tisma', tikkontrolla u tgharbel il-provi migjuba quddiemha. Fil-kaz in ezami, imbaghad, jidher wisq evidenti minn qari tas-sentenza li nghatat li dan l-ezercizzju ta' evalwazzjoni gie kondott skrupolozament mill-Ewwel Qorti." *[App.S Marshall Marcus vs Aquilina Raymond deciza fis-6 ta' Dicembru 2002].*

"Din il-Qorti pero' tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-akta recenti u kostanti fil-materia." [*App. Attard v Direttur tas-Sahha, 31 Mejju 2014, riprodotta b'approvazzjoni fil-kawza App.S Joseph John Parnis vs Mary Parnis, 31 Ottubru 2014*

17. Dwar il-materja ta' apprezzament ta' provi jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria li:

"14.Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita` civili. *[PA Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo u Gaetana Rizzo, deciz 28 ta' April, 2004; ].*

"15.Il-konflitt fil-provi hija haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant *[PA Farrugia vs Farrugia deciza 24 ta' Novembru, 1966]*

"16.Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghallkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli *[PA George Bugeja vs Joseph Meilak, deciza 30 ta' Ottubru, 2003; citata b'approvazzjoni fil-kaz 1041/06 Maurice Meli Bugeja et vs Francis Vella, 24 Gunju 2016].* Inoltre, huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna illi l-verosomiljanza hija forma ta' korroborazzjoni *[PA. Emmanuel Aquilina vs Lorraine Farrugia, deciza 28 ta' Gunju, 2001)]"*

18. Fil-kaz odjern jirrizulta li t-testatrici strahet fuq id-dispozizzjoni tal-Artikolu 623 [d] tal-Kodici Civili biex tiddizereda lill-attur u ssemmi specikament “atti ta’ mohqrija” da parti tieghu fil-konfront taghha. In vena legali u b’mod generali din il-Qorti tosserva li t-terminu “mohqrija” ghandu jigi mifhum li hu dak il-komportament uman abuziv li profondament ikun wegga’ lit-testatur matul hajtu mhux biss fizikament izda anke psikologikament b’mod li allura jkun ta’ certu gravita` li jopprimi lit-testatur sa tali grad li dan jasal sabiex jeskludi lill-wild tieghu milli jiehu mill-gid tieghu wara mewtu, anke minn dak il-porzjon li l-ligi espressament tirrizerva ghall-ulied. Il-mohqrija trid tkun sa tali grad li tiggustifika l-eccezzjoni ghan-norma legali li taghti d-dritt lill-ulied ghal legittima.

19. Fil-meritu din il-Qorti tosserva li f’dan il-kaz tali komportament abbuziv ma jikkonfigurax. Mill-atti, u anke minn dak li rat u semghet l-ewwel Qorti, jirrizulta li l-attur huwa bniedem vulnerabbli u kien ikollu litigji ma’ ommu meta din kienet twissih biex ma jaghmilhiex ma’ terz peress li dan ma kienx ta’ gid ghalih. Min-naha tieghu l-attur kien jirreagixxi b’mod immatur imma ma jirrizultax li kellu l-intenzjoni li jwegga’ jew jahqar lil ommu fit-termini tal-artikolu precitat. It-tilwim kien dak li solitament isehh bejn il-genituri u t-tfal mhux maturi meta dawn jirrezistu l-parir jew ix-xewqa tal-genituri taghhom.

20. Rigward iz-zewg ittri illi l-konvenuti jaghmlu referenza ghalihom fir-rikors tal-appell taghhom, l-ittra ufficjali tal-14 ta' Ottubru 2010 mibghuta lilhom mill-attur [9] u l-ittra legali tat-3 ta' Mejju 2007 allegatament mibghuta lill-konvenuta Franca Camilleri u li l-konvenuti jirreferu ghaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fejn gie allegat li l-omm ma kenitx mentalment f'postha, jinghad is-segwenti. Fl-ewwel lok, l-ahhar ittra qatt ma giet esebita u ghalhekk abbazi tal-principju *quod non est in actis non est in mundo*, il-konvenuti ma jistghux issa jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni ta' xi haga li ma hijiex fil-process. Fit-tieni lok, dwar l-ittra ufficjali tal-14 ta' Ottubru 2010 tosserva li din intbaghtet mill-attur wara l-mewt tat-testatrici u ghalhekk ma tistax titqies bhala prova ta' mohqrija fil-kontront tat-testatrici. Barra minnhekk u b'emfazi din il-Qorti tosserva li il-kontenut tal-ittra, la jammonta ghal mohqrija u lanqas ma huwa indikattiv ta' xi atti ta' mohqrija tal-attur versu ommu meta din kienet ghadha hajja. L-allegazzjoni tal-attur kontenuta fl-ittra ufficjali, li ommu kienet mentalment instabbli meta ghamlet it-testment, tikkostitwixxi biss allegazzjoni ta' fatt formanti parti minn bazi fattwali u legali tal-pretensjoni tal-attur fil-konfront tal-konvenuti sabiex dan jiehu dak li hu tieghu bid-dritt u ghalhekk, il-kontenut tal-ittra ma jikkonforta bl-ebda mod it-tezi tal-konvenuti.

[9] Fol 120

21. Rigward in-numru ta' xhieda, elenkati mill-konvenuti fl-aggravju u li, skont huma, kellhom ikunu sufficjenti sabiex jpprevalu fuq il-verzjoni moghtija mill-attur, din il-Qorti tosserva li l-kejl li bih qorti gudikanti tqis il-provi sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha, mhuwiex in-numru tax-xhieda izda l-kwalita` tax-xiehda, b'mod li xhud wiehed biss, jekk emmnut mill-Qorti li tkun semghet il-provi *viva voce*, bhal fil-kaz prezenti, jista' jkun bizzejjed sabiex il-Qorti legittimament isserrah d-decizjoni taghha fuq id-depozizzjoni jew depozizzjonijiet tieghu.

22. Din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ghamlet analizi dettaljata u korretta tal-provi li kellha quddiemha u din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni li waslet ghaliha dik il-Qorti. Dan qed jinghad ghax fl-atti hemm provi bizzejjed sabiex, anke fuq bazi ta' verosimiljanza, l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. B'mod aktar specifiku tosserva li meta din il-Qorti ezaminat il-provi, sabet li ghandha taccetta bhala veritiera d-deposizzjoni tal-attur, li kif qalet l-ewwel Qorti minkejja inkonsistenzi zghar, ta xiehda konsistenti u kredibbli. Sinifikattiv huwa l-fatt illi t-testment in kwistjoni gie redatt ftit xhur biss wara illi l-attur kien nehha l-prokura li kien ta' lil ohtu u talabha rendikont tal-flus tieghu. Dan ikompli jikkonferma t-tezi tal- attur illi hi kienet urtata hafna mieghu. Fil-fatt l-attur in kontro-ezami[10] jixhed illi, wara li kien nehhielha il-prokura[11], ohtu

[10] Vide xhieda tal-attur in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-10 ta' Gunju 2011 a fol 297

ma kinitx thallieh jidhol id-dar taghha biex jara lil ommu izda kienet thallih jidhol biss sal-garaxx. F'kull xhieda tieghu l-attur jikkonferma wkoll illi l-konvenuta ohtu kienet dejjem tghajjat mieghu u tghawwih kontra l-habib tieghu it-Tlittu.[12] Sinifikanti ukoll huwa l-fatt illi t-testatrici kienet tghix mal-konvenuti u kienet dependenti hafna fuqhom. Di fatti kienu huma li kienu jehduha ghal kwalsiasi appuntament, inkluz dak man-nutar sabiex tirredigi t-testment.[13] Dawn il-provi jdghajjfu t-tezi tal-konvenuti ta' atti ta' mohqrija fuq l-omm da parti tal-attur, u jsahhu l-verzjoni tal-attur li kienet l-istess konvenuta ohtu li, meta din hadet l-omm tghix maghha, ma kinitx thallih lill-attur ikollu relazzjoni tajba ma' ommu. Dan kollu wassal sabiex ohtu tipperswadi lill-omm, mara avvanzata sew fl-eta', ghand in-nutar biex taghmel it-testment li ghamlet. Hija ferm fondata t-tezi tal-attur li l-konvenuta ma riditx li parti mill-gid ta' ommha jaqa' fuqu mal-mewt taghha u li ghalhekk kienet l-itess konvenuta li kienet ghawwiet lil omm sabiex din waslet biex taghmel id-dikjarazzjoni li ghamlet fit-testment.

23. Fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida li ghaliha ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti u tiddipartixxi mill-konkluzjoni li waslet ghaliha. Tirribadixxi li, minkejja li l-attur seta' kien insensittiv ghall-premura li

---

[11] L-attur jispjega wkoll illi dan ghamlu wara li mar jiccekkja l-bank u kull ma sab fil-kont tieghu kienu erba` mitt Lira Maltina (Lm400) – vide xhieda tieghu in kontro ezami a fol 296

[12] Vide per ez. xhieda tal-attur in kontro-ezami tat-12 ta' Ottubru 2011 a fol 327 u tal-25 ta' Novembru 2011 a fol 335-336

[13] Vide xhieda tan-Nutar Paul George Pisani a fol 27

ommu kienet taghmillu fil-konfront tieghu, zgur ma jikkonkorrux ic-cirkostanzi previsti mil-ligi biex legalment tiddizereditah mill-wirt taghha.

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju m'huwiex gustifikat u qed jigi michud.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-konvenuti *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df